ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar Il-Gimgħa, 15 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT169/24/DS

Rita Psaila

Vs

Aluage Aluminium

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-6 ta'Awwissu, 2024 fejn talbet illi l-intimat riżarċiment ta' elf mija u għoxrin Ewro (€1120) għal seba' blinds illi fil-fehma tagħha ġew magħmulin *'qosra u mhux tajbin fil-post'* ;

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħal risposta fid-9 ta' Ottubru, 2024

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha.

Illi l-intimat irrisponda fejn spjega għaliex fl-opinjoni tiegħu dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnu.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attriċi qalet illi ordnat seba' *blinds* mingħand Aluage Aluminium fejn qdietha Alexia Cachia mart l-intimat. Għall-bidu kienu ser isiru blinds bħala frame tat-tieqa bl-aluminium pero' l-attiċi bidlet il-ħsieb u meta mar ħaddiem ikejjel avżatu li ridithom *roller blinds*. Hija marret għand Alexia Cachia mill-ġdid li għamlitilha stima għar-roller blinds fl-ammont ta' elf mija u għoxrin Ewro (€1120) għal seba' *blinds*. Thallsu sitt mitt Ewro (€600) depożitu u l-kumplament thallas meta twaħħlu l-*blinds*. Meta twaħħlu l-attriċi rrealiżżat illi l-blinds ma kienx ikopru t-tul kollu tas-sopraporta kif xtaqet u ma kienux qiegħdin jitrikkbu u jingħalqu sewwa. Hija produċiet ritratti bħala prova. Is-sinjura Alexia Cachia kienet qaltilha illi ser jiġu jirranġawhom pero' għalkemm bagħtet persuna jarahom dan ma kienx minn kien ħa l-qisien u kulma qalilha kien li hu kien ħadem fuq il-qisien li tawh. Hija bagħtet ukoll ittra lis-sinjura biex tara kif ser tibqa' iżda baqgħet mingħajr sodisfazzjon.

Alexia Cachia għal Aluage Aluminium ma qablitx ma din il-verżjoni għaliex insistiet illi ma kienx fil-punt meta mar ikejjel il-ħaddiem illi ntqal lilu illi l-*blinds* kienu ser jinbidlu għal '*roller blinds*' iżda kien mar ir-raġel tal-attriċi jgħidilha. Tgħid ukoll illi l-kejl taż-żewġ tipi ta' *blinds* liema *blinds* tiddiskrivihom bħala *blackout* (kif kellhom jiġu fil-bidu) u *vertical* (kif fil-fatt huma i.e. u mhux *roller blinds* kif tiddiskrivihom l-attriċi) huwa identiku u għaldaqstant ma jkunx hemm għalfejn jerġa jitkejjel.

Dan it-Tribunal m'għandu l-ebda mod kif ikun jaf x'intqal preċiżament meta kien mar ikejjel l-ewwel ħaddiem għaliex dan il-ħaddiem ma ġiex prodott bħala xhud. Li jinnota pero' dan it-Tribunal hu illi kemm jekk *blackout* jew *vertical blinds*, fl-ebda ħin, la fit-talba u lanqas fl-ebda mument ieħor quddiem it-Tribunal ma ntqal mill-attriċi illi hija riedet illi l-wisa' tal-*blinds* ikopri l-wisa' kollu tas-sopraporti, fejn dawn kienu preżenti, hu hija din il-vera problema u mhux il-kejl żbaljat. Jidher illi l-attriċi kellha ripensament wara li twaħħlu għaliex preferiethom ikopru l-wisa' kollu tas-sopraporti, iżda dan ma kienx dak illi tat struzzjonijiet illi jsir. Dan għaliex kieku malli twaħħlet l-ewwel blind, u ratha li ma tkoprix il-wisa' kollu tas-sopraporta kienet twaqqaf lill-ħaddiem milli jkompli jwaħħal u tgħidlu li dan mhux dak li ordnat hi.

Dan it-Tribunal iħoss illi għandha raġun is-sinjura Cachia li tgħid illi l-kejl ma jvarjax u dan għaliex fil-fatt li kieku saru blackout bl-istess qies, l-attriċi xorta kienet tirriskontra l-istess problema.

It-Tribunal ra r-ritratti u kkunsidra wkoll jekk jidhirx illi l-blinds ma kienux jitrikkbu u jingħalqu sewwa, kif allegat l-attriċi mill-provi prodotti u misjuba fl-atti. Dan ma jirriżultax.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attriċi.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru